Numru 21
Lulju Awwissu 1997

# IL-Ħuttafa

Il-Magażin ta' Klabb Ħuttaf

Stampat fuq karta riċiklata

BirdLife MALTA

Kif iddaħħal 361 membri ġodda fi Klabb Ħuttaf?



paġ 9

## MUNQAR biz-Zgħar

paġ 3





## Povru Ndovu

paġ 4



Ray Galea

*Qanfud*

# editorjal



## Ħbieb




Ix-xjenza tgħallimna li fl-antik ħafna l-ewwel ħajja tad-dinja bdiet fil-baħar. Imbagħad ftit ftit xi annimali draw jieħdu n-nifs dirett mill-arja, u telgħu l-art. Imma donnu xatt il-baħar baqa' interessanti, għax ħafna annimali baqgħu jgħixu fl-inħawi fejn l-art tiltaqa' mal-baħar.

Għalhekk meta tmorru tgħaddu xi nofs ta' nhar f'xatt il-baħar, tkunu qed tmorru f'post sinjur ħafna fin-natura, speċjalment jekk ikun xatt bil-blat. Biex tapprezzaw dan il-ġmiel, kull m'għandkom bżonn hija maskla tal-baħar u ftit paċenzja.

Ħafna mill-annimali ta' ma' xatt il-baħar hija fiċ-ċokon. Fil-ħofor fil-blat jgħix bebbux u ħnieżer il-baħar, granċijiet u gambli, bugħarwien, artikli u mħar, sponoż u ħut. Ħut bħal bużullieq, mzazen, budakkra u wiżgħat (wiżgħa huwa isem ta' ħuta wkoll!). U ma dawn ħafna speċi ta' algi - ħodor, ħomor jew kannella, żgħar jew kbar, rotob jew ibsin.



artikli

- **Tiħdux il-vizzju** taqbdu annimali tal-baħar u toħorġuhom mill-ilma.
- **Tiħdux il-vizzju** tfaddlu l-qxur tal-bebbux, għax dawk jgħixu fihom il-granċijiet.
- **Tiħdux il-vizzju** taqbdu l-granċijiet u tiklulhom saqajhom!
- **Tiħdux il-vizzju** tarmu mbarazz il-baħar, speċjalment affarijiet ta' ħġieġ jew plastik.

**Ħudu pjaċir, Ħuttaf, imma biex tieħdu pjaċir intom, ittellfux il-ġmiel, il-gost, l-ambjent u l-ħajja tal-baħar.**



granċ

Victor

**Victor Falzon**
**Editur**




## X'għandna did-darba?


| | |
|---|---|
| **Editorjal** | **paġ 2** |
| **Aħbarijiet** | **paġ 3** |
| **X'għandna mid-Dinja** | **paġ 4** |
| **Kompetizzjoni 21** | **paġ 4** |
| **Nittrumbjaw fuq...ir-RUNDUN** | **paġ 5** |
| **Ittri** | **paġ 6** |
| **Birdwatchers Club** | **paġ 6** |
| **Gallerija** | **paġ 7** |
| **Xeni mill-Kwiżż** | **paġ 8** |
| **Kont taf?** | **paġ 8** |
| **Nowtbuk tan-Natura** | **paġ 9** |
| **Baħħara tal-Galàpagos** | **paġ 10** |
| **Gruppi Lokali** | **paġ 11** |
| **KAMP** | **paġ 11** |
| **Daħħal Membru** | **paġ 11** |
| **X'rat u x'rat il-Kamera** | **paġ 12** |




Dubbien

**Faċċata ta' Quddiem**

## Qanfud

(*Erinaceus algirus* - Algerian Hedgehog)

Annimal li ma tantx narawh, għax joħroġ bil-lejl. B'xorti ħażina ħafna qniefed jinqatlu mill-karozzi huma u jaqsmu t-triq. Miskin Xummiemu!

**Working Group ta' Klabb Ħuttaf**

Jason Aloisio, Isabella Borg, Audrey Chetcuti, Norman Chetcuti, Desirée Falzon (ko-ordinatur), Victor Falzon, Angèle Pulis, Chris Pulis.

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt is-16-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, taħdidiet, video-shows u anke xogħol ambjentali. Il-Klabb jippublika n-newsletter-magażin "Il-Ħuttafa" kull xahrejn għall-membri, u jipproduċi ħendawts u logħob għal waqt l-attivitajiet. Il-Klabb għandu wkoll 4 Gruppi Lokali fil-pajjiż. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija Lm1.50 fis-sena.

**Publikazzjoni BirdLife Malta**
**POBox 498 Valletta CMR 01 Tel 230684/250229 Fax 225665**

Materjal mill-magażin Il-Ħuttafa jista' jiġi kkupjat dment li jissemma' s-sors u tintbagħat kopja tal-materjal lil Klabb Ħuttaf fl-indirizz t'hawn fuq.

Stampat għand Poulton's Print Shop, Lulju 1997

ahbarijiet

# Munqar biż-żgħar... fis-Simar!

## Ibejjet f'Malta għall-ewwel darba... ir-Russett tas-Sigar!

Victor Falzon



Hekk hu, ħbieb. Fir-riserva tas-Simar bejjet mhux par wieħed, imma żewġ pari **Rsieset tas-Siġar** (*Ixobrychus minutus* - Little Bittern). U jekk ma tridx, mhux darba, imma darbtejn! Għax jekk par għasafar isibu li l-post fejn bejtu kien tal-ġenn, allura jafu jerġgħu jbejtu.

U x'ma jsibuhx tal-ġenn Is-Simar! L-ambjent tar-Russett tas-Siġar huwa għadajjar imdawrin b'ħafna qasab folt! Eżattament kif inhu s-Simar. Hut għandhom kemm iridu, u ma jtellifhom ħadd!

L-ewwel bejta nbniet f'Marzu, u kellha erba' bajdiet (ritratt). Minn dawn faqqsu tlieta (ritratt). Sa xahar wara kienu kibru biżżejjed biex itiru. Kif il-ġenituri ħelsu mit-trobbija ta' l-ewwel frieħ, reġgħu bnew bejta oħra mhux il-bogħod mill-ewwel waħda, u did-darba kellhom ħames frieħ. Dawn taru f'Ġunju!

Sadattant smajna li kien hemm par irsieset tas-siġar ieħor li bejtu fir-riserva. Dawn ma nafux kemm kellhom frieħ, għax il-bejta kienet moħbija fil-fond wisq qalb il-qasab!

Seħibna l-berdwoċer Ray Galea, li sab il-bejtiet, qalilna li hemm ċans li l-irsieset li bejtu fis-Simar iżommu fir-riserva s-sena kollha!

Heqq, aħna m'aħniex se nkeċċuhom!




ritratti Ray Galea







## X'għandna mid-Dinja!



# Povru Ndovu!






Tliet pajjiżi Afrikani, li huma Namibja, Botswana u Żimbabwe (ara l-mappa), se jerġgħu jibdew jinnegozjaw fl-avorju. Avorju huwa l-materjal tas-snien il-kbar ta' l-iljunfanti. U biex iġibu das-snien, lill-iljunfanti **joqtluhom**!

Għalkemm f'dawn it-tliet pajjiżi l-iljunfanti mhumiex rari, Ndovu (kif isejħulu) huwa annimal li qed jispiċċa mid-dinja. Fis-snin sebgħin kien hawn 1,200,000. F'temp ta' għaxar snin dan-numru niżel bin-nofs għal 600,000. Qisu iljunfant maqtul kull 10 minuti għal 10 snin sħaħ! Ara x'ħela ta' ħajja.

Is-CITES (tinqara 'sajtis') huwa ftehim li jirregola l-kummerċ f'annimali u pjanti rari. Meta l-membri tas-CITES raw kif l-iljunfanti kienu qed jispiċċaw, ftehmu li jitwaqqaf in-negozju fl-avorju. Dan sar fl-1989, u b'xorti tajba minn dak iż-żmien 'l hawn il-qtil ta' l-iljunfant naqas ħafna. U issa...

Issa ħa nerġgħu pass lura. L-iljunfant ma jdumx ma jerġa' jkun f'tarf l-irdum!

Bilħaqq, tafu x'jagħmlu bl-avorju? 'Qas temmnu! Jixtruh il-Ġappuniżi ħalli jagħmlu minnu statwi żgħar!

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| L | I | B | S | O | O | U | C | E | O | P | O |
| L | G | A | S | C | K | C | E | C | K | H | O |
| E | N | N | O | R | R | Y | N | R | C | T | U |
| T | T | J | A | K | W | O | W | A | E | L | N |
| N | H | K | R | R | A | O | R | C | R | I | H |
| I | G | I | G | P | L | D | E | K | B | M | W |
| F | G | N | N | H | E | S | P | R | P | E | R |
| I | S | W | I | S | A | O | Y | E | P | I | D |
| E | H | P | A | A | N | T | E | T | T | U | E |
| R | T | A | L | O | G | D | I | O | M | R | N |
| R | S | R | L | A | N | E | U | I | E | N | O |
| E | D | T | F | M | I | R | G | L | L | S | T |

**NIGHTJAR**
TURNSTONE
GANNET
EIDER
CROSSBILL
FLAMINGO
LAPWING
OSPREY
WOODLARK
REDSTART
GUILLEMOT
DIPPER
**KINGFISHER**
WHIMBREL
PHEASANT
WRYNECK
HOOPOE
CUCKOO
NUTCRACKER

# KOMPETIZZJONI 21

Idħlu mal-vleġġa u ibdew sibu l-ismijiet ta' l-għasafar mil-lista billi tgħaddu minn fuqhom bil-lapes. L-ewwel tnejn lestejnihomlkom, u kif taraw tistgħu timxu 'l fuq, 'l isfel u lagenba. X'ħin tkunu għaqqadtu l-ismijiet kollha, taraw li toħorġu mal-vleġġa l-oħra. Ħudu fotokopja (tqasqsux il-Ħuttafa, għax tiġu skwalifikati) u ibagħtuha, flimkien ma' isimkom u l-indirizz, lil

**Kompetizzjoni Il-Ħuttafa 21**
**Klabb Ħuttaf - BirdLife**
**POBox498**
**Valletta CMR 01**

Ir-rebbieħ jingħata **CD ġentilment mogħti minn The Scorpion.** Ċans għandkom sal-31 ta' Awwissu.

Ir-rebbieħa ta' **Kompetizzoni 20** hija **Sarah Buhagiar** mill-**Gżira**. Sarah mitluba tmur tiġbor is-**CD li rebħet** mill-ħanut **The Scorpion** (ara isfel). Importanti li tieħu magħha l-membership card.

THE SCORPION

*Martial Arts, Keep-fit Sports and Music*

**The Scorpion, Sir Paul Boffa Ave.,Paola PLA 19**
**Tel 691957 • Fax 686943 • Mobile 0972284**



# Nittrumbjaw fuq... ir-rundun







**Is-sabiħ tan-natura hu li kollox huwa marbut f'nisġa waħda ta' ħajja. Biex daqshekk annimali u pjanti jgħixu flimkien bilfors irid ikun hemm in-niċeċ. Niċeċ!? Mela dawk mhux irkejjen fejn insibu xi statwa ta' qaddis jew..?!**

Ukoll, imma fin-natura niċċa (bl-ingliż *ecological niche*) tfisser il-post speċjali fejn annimal jew pjanta tgħix, l-ikel li tiekol, l-ambjent, il-klima. Mela n-niċċa ta' pitirross hi differenti minn dik ta' ajkla jew ta' papra. U allaħares ma kienx hekk għax kieku immaġinaw ftit dawk l-annimali kollha jiġġieldu għall-istess ikel u l-istess postijiet fejn ibejtu. Mela n-niċeċ jagħmlu ċert li kulħadd isib postu fil-ħolqien.

Illum ser nitkellmu fuq għasfur li n-niċċa tiegħu hija l-ajru. Ir-rundun żviluppa b'tali mod li jaqbad l-insetti fit-titjir, inaddaf ir-rix huwa u jtir, u anke jorqod waqt li jtir. Saqajh huma żgħar ħafna u bla saħħa - wara kollox, matul ħajtu ma tantx jillandja dan l-għasfur. Għandu munqaru qasir, imma ħalqu kbir u wiesa' biex jaqbad in-nemus bil-gzuz. Ġwinħajh huma twal, dojoq u ta' saħħa kbira. Ir-rundun huwa speċjalist ta' l-ajru u kapaċi jimmanuvra u jagħmel sigħat twal jittajjar kważi bla sforz ta' xejn. Tant hu hekk li r-Rundun rari jinżel jistrieħ ħlief forsi f'xi maltempata jew biex ibejjet.

F'Malta r-Rundun huwa għasfur tal-passa u narawh l-aktar minn April sa Settembru. Huwa komuni ħafna minn Mejju sa Lulju meta spiss jidher fi qtajja' kbar fl-għoli, jiġri wara n-nemus u jwerżaq. Jekk nitilgħu fuq il-bejt fis-sajf, speċjalment f'xi ġurnata riħ, żgur naraw qatgħa jew tnejn ta' rundun. Jintgħaraf faċilment peress li hu skur, mislut ħafna u għandu titjira veloċi.

Fl-antik ir-rundun ġieli bejjet Malta f'xi rdumijiet. Illum fl-Ewropa jbejjet l-aktar fil-bini, u għalhekk hu komuni fl-ibliet. L-omm u l-missier jgħaddu sigħat twal jittajru biex jaqbdu l-ikel għall-frieħ: fil-fatt jista' jkun li r-Rundun li naraw f'Malta fis-sajf ikun bil-bejta ġewwa Sqallija, u jiġi hawn jaqbad l-ikel. Interessanti li fil-maltemp ma tantx isib ikel peress li l-insetti x'aktarx ma jittajrux. Għalhekk il-frieħ kapaċi jeqfu jikbru għal xi żmien, biex imbagħad ikomplu malli toħroġ ix-xemx u jerġa' jibda ġej l-ikel. Kieku jippruvaw jagħmlu hekk għasafar oħrajn żgur imutu. Imma l-frieħ tar-Rundun huma magħmulin apposta biex jgħixu skond il-bżonnijiet tan-niċċa tagħhom, l-ajru!

Malti: **Rundun**
Ingliż: **Swift**
Xjentifiku: ***Apus apus***



Jaqbad nemus bil-gzuz

**Mark Falzon**

# Ittri



## X'naqbad ngħid?

Għażiż Editur,

Prosit tal-magażin Il-Ħuttafa. Ftit ġranet ilu kont qiegħed f'tal-linja nġorr fajl li fuqu kien hemm stiker dwar l-għasafar. Inzerta ħdejja kien hemm bilqiegħda kaċċatur. Ħares lejja u qalli "Eh, jiena u int għedewwa!

F'każi bħal dawn kif għandna nirrispondu?

Grazzi.

**David Micallef**
**Ħal Għaxaq**

Għażiż David,

Grazzi ta' l-ittra tiegħek u ta' l-istampa ħelwa tal-kiwi!

Dwar il-problema li kellek, tajjeb li tkun taf li lill-kaċċaturi għalxejn tipprova tispjegalhom. Taf għaliex? Għax huma diġà jafu li ħażin toqtol l-għasafar. Jgħidu x'jgħidu, fil-qalb ta' qalbhom jafu li dak li jagħmlu bis-senter huwa att kriminali kontra n-natura. Bħal min ipejjep! Dan ukoll jaf li qed jagħmel ħażin.



Imma vizzju ma taqtgħux malajr, speċjalment jekk tkun ilek li waqajt għalih.

Għalhekk jekk lil dak il-kaċċatur ma kellimtux għamilt l-aħjar ħaġa!

L-Editur

## Indirizzaw l-ittri tagħkom hekk!




**Editur Il-Ħuttafa**
**Klabb Ħuttaf**
**Birdlife Malta**
**POBox 498**
**Valletta CMR 01**

## Għadni nidħol!

Għażiż Editur,

**Jien għadni kemm nidħol fi Klabb Ħuttaf. Għadni kemm qrajt il-magażin u għoġobni ħafna. L-iktar rokna li għoġbitni hija l-Art Gallery.**

**Jien ma nafx inpinġi, imma xorta nixtieq li l-ittra tiegħi iġġibuha fil-magażin, għax għalija jkun unur kbir. Jiena ninteressa ħafna ruħi meta l-għalliema toħodna field-work.**

**Grazzi, u awguri sbieħ biex tkomplu mixjin kif intom tħeġġu t-tfal biex jidħlu fi Klabb Ħuttaf. Prosit kbira minn għand kulħadd!**

**Ċaw ċaw!**

**Tiziana Spiteri**
**Birkirkara**

Għażiża Tiziana,

Waww! X'erba' kummenti! Mhux li t-tfal kienu kollha bħalek, jiġifieri kollha membri fi Klabb Ħuttaf!

Tinkwetax jekk ma tafx tpinġi. Forsi tħobb tikteb - xi poeżija, jew xi ħaġa interessanti li rajt fil-ġnien jew waqt ħarġa fil-kampanja. Ikteb u ibagħtilna.Basta dwar in-natura!

Ma trid xejn biex terġa' tara ismek fil-Ħuttafa!

L-Editur



Wara l-ittra interessanti li kitbitilna Clare Sultana (Il-Ħuttafa 20), xi membri qed jitħajru jagħmlu l-istess att ta' karità bħalma għamlu l-klassi ta' Clare.

Għalhekk qed inġibulkom l-indirizz tal-**Care for the Wild**, għal min jixtieq jiktbilhom.

**Care for the Wild International**
**1 Ashfolds, Horsham Road**
**Rusper, West Sussex RH12 4QX**
**United Kingdom**

# Birdwatchers Club



Il-**Birdwatchers Club** twaqqaf is-sena l-oħra għal dawk il-membri ta' BirdLife li għandhom għal qalbhom il-**berdwoċing**. Dawn il-membri joħorġu fil-kampanja armati bit-trombi, u jfittxu postijiet tajbin għall-għasafar. Il-klabb joħroġ magażin jismu ***Woodchat*** u jorganizza attivitajiet għall-membri. Sħubija fil-Birdwatchers Club hija **Lm1.50** fis-sena, u l-membri jridu jkunu għalqu l-10 snin. Min huwa interessat jikteb lil:

**Birdwatchers Club • BirdLife Malta • POBox498 • Valletta CMR01**

Sadattant jekk hemm xi membri Ħuttaf li jixtiequ jmorru berdwoċing fi grupp żgħir ma' berdwoċer, jistgħu jċemplu **225229** u jistaqsu għal **Ian Balzan**.

# Gallerija

David Attard (10)



Russett Aħmar

Dennis Magro (?)



Spanjulett

Chris Scalpello (12)



Bebbuxu

Georgina Magro (12)



Zakak Abjad

Jimmy Galea (12)



Fjamingu

Nimrod Mifsud (11)



Kuluvert

***Għeżież Artisti tagħna!***

Tpinġux ikbar minn 10ċmx10ċm, użaw karta bajda, tużawx kartonċin u tpinġux bil-kulur. Iktbu isem l-annimal jew pjanta u isimkom u l-età. Tinkwetawx ftit ftit it-tpinġijiet tagħkom kollha nġibuhomlkom. Imma ftakru li hemm kju qabilkom!






Desirée Falzon





# Kont taf ?

Audrey Chetcuti



### *Liema hu l-ikbar serp?*

Magħruf bħala l-ġgant tal-ġungla, jattakka ġagwari, ħnieżer slavaġ, kukkudrilli, li jiġi! Dan huwa l-anakonda, l-ikbar serp tad-dinja, li jgħix fil-foresti tropikali ta' l-Amerka t'Isfel. Dal-mostru ta' serp, li jikber sa 8m, qatt ma joqgħod 'il bogħod mill-ilma, inkella ġismu jiġi mpestat bil-parassiti żgħar. Fil-fatt l-anakonda jaf jgħum ħafna, u kważi l-ħin kollu ssibu fl-għadajjar u x-xmajjar. Għadu wieħed biss għandu: il-bniedem. L-anakonda mhux serp velenuż. Joqtol billi jitkebbeb madwar il-vittma tiegħu u jagħfasha sa ma jifgagħha jew jgħaffiġha! Afu li mhux ċajta tgħaffeġ kukkudrill! Ħaġa ta' l-għaġeb ukoll hija li wara ikla sew, das-serp jaf jagħmillek sentejn bil-ġuħ!

Fantasy WORLD

73 St.Rita Street, Rabat MALTA
Tel 450610

The PLACE for
• toys • games • hobbies •
• crafts • stationery •
• souvenirs • gifts • sports •
• camping/beach •
etc.



Attention all birdwatchers: Binoculars in stock!

# Nowtbuk tan-Natura

Desirée Falzon

## Zkuk, tajn u katusi!



Mill-ewwel tagħrfuh iż-Żunżan taz-Zokk, għax bejn sidru u żaqqu għandu qisha ħajta rqiqa safra. Saqajh twal u rqaq ukoll għandhom strixxi sofor. Il-bqija ta' l-annimal huwa iswed.

Fil-fatt l-isfar u l-iswed huma komuni f'annimali li għandhom il-velenu. Dawżewġ kuluri jservu ta' twissija lill-predaturi biex ma jippruvawx jikluhom. Għax jiswielhom ħażin!

Imma intom Huttaf, tibżgħux miż-żnażan. L-importanti li ma toqogħdux ixxejru jdejkom biex tkeċċuhom. Anzi jekk taraw Żunżana taz-Zokk, speċjalment jekk tkun qiegħda tħuf f'xi rokna, oqogħdu ħarsu lejha u forsi tarawha tbejjet. Bħalma rajtha jien.

Iż-Żunżana taz-Zokk mara l-ewwel tibda tiġbor it-tajn, tagħmlu ballun żgħir, u ġġorru lejn rokna kennija ma' ħajt jew siġra. Bit-tajn tibni katusa żgħira twila xi 3cm. X'ħin tlestiha, issib brimba u tagħtiha titqiba li tifliġha bla ma toqtolha. Iddaħħal il-brimba fil-bejta, tbid bajda fuqha, toħroġ u tkaħħal il-katusa b'iktar tajn!

Jekk il-brimb ikun komuni f'dawk l-inħawi, iż-żunżana taf tibni iktar minn katusa waħda.

Il-katusi jibqgħu magħluqin għal koċċ żmien - li kelli d-dar tiegħi damu xitwa u rebbiegħa sħiħa. Sadattant, fil-bejta l-bajda tfaqqas u l-ferħ jiekol il-brimba. X'ħin ilesti mill-festa, il-ferħ jagħmel fosdqa, u meta jkun sar żunżan, joħroġ mill-pupa, iħaffer toqba fil-katusa, u jara d-dawl l-ewwel darba! Joħroġ mill-bejta u jtir - kopja perfetta ta' ommu!



**Iż-Żunżana qed tibni t-tieni katusa. L-ewwel waħda diġà ssiġillata.**

Desirée Falzon



**It-tieni katusa lesta - iż-Żunżana ma tidhirx, għax marret tfittex brimba vittma!**



SPICE PICS/BirdLife Malta

## Prosit!

Prosit tremenda lil **Marthese Attard, Marisa Grech, Thelma Saliba** u **Agnes Scicluna**, erba' Leaders tal-Klabb li b'ħeġġa kbira żaru numru ta' skejjel bejn Marzu u Lulju u xerrdu t-tagħlim ambjentali fost tant u tant studenti.

U bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, bis-saħħa tagħhom ukoll daħlu (s'issa!) **361 membri ġodda** fi Klabb Huttaf!

Fir-ritratt naraw lil Thelma u lil Agnes "in action" fl-iskola St.Dorothy Tal-Virtù.

# Baħħara tal-Galàpagos

**Tajr tal-baħar tal-Gżejjer Galàpagos. F'din il-ħarġa...**

8

## Ta' l-aħħar... ibaħħar!



Kanġu ta' Filfla

Mill-għasafar kollha tal-Galàpagos, l-aktar wieħed fil-periklu li jinqered huwa l-**Kanġu tal-Galàpagos**. Għalkemm għad hemm popolazzjoni kbira mhux ħażin, dan l-għasfur huwa mhedded minħabba l-annimali li n-nies ġabu magħhom fil-gżejjer, fosthom klieb, qtates, ġrieden u ħnieżer. Dawn jieklu kemm il-frieħ kif ukoll l-adulti ta' din l-ispeċi. Il-popolazzjoni tal-Kanġu tal-Galàpagos bdiet tonqos f'dawn l-aħħar mitt sena. Għalhekk qed isiru sforzi kbar mid-Darwin Station u l-Park Service tal-gżejjer biex dan l-għasfur ma jispiċċax għal kollox.

Hemm ukoll il-**Kanġu ta' Filfla**. Hekk hu, l-istess speċi li tbejjet Malta (jew aħjar Filfla). Dan jinstab f'numri kbar fil-Galàpagos, fejn l-għaxqa tiegħu jittajjar u jikkaċċja fir-rima tad-dgħajjes.



Gawwija tal-Lava

Tpinġija tal-Lava Gull - David Aloisio

Mill-gawwi tal-Galàpagos, il-**Gawwija Denbha Maqrus** hija l-iktar waħda attraenti. Dil-gawwija għandha saqajha u ċ-ċirku ta' għajnejha ħomor - dawn jagħmlu kuntrast kbir mal-libsa bajda, griża u sewda tipika tal-gawwi. Il-biċċa l-kbira tal-popolazzjoni dinjija ta' dil-gawwija tinsab proprju fil-Galàpagos.

U fil-Galàpagos ukoll insibu l-aktar gawwija rari tad-dinja: il-**Gawwija tal-Lava**. Minn din l-ispeċi baqa' biss 400 par, u lkoll jgħixu fil-Galàpagos.

**Għeluq**

L-istudjużi jaħsbu li l-għasafar kienu l-ewwel forom ta' ħajja li waslu fil-Galàpagos wara li dawn il-gżejjer iffurmaw mill-vulkani tant żmien ilu. U kienu probabbli l-għasafar li bla ma jafu daħħlu l-flora li llum hemm fil-gżejjer! Dan minħabba ż-żrieragħ preżenti fl-istonku ta' dawk l-ewwel l-għasafar li waslu fil-gżejjer, jew li forsi kellhom imwaħħlin ma' rixhom!

Il-Gżejjer Galàpagos għandhom għalhekk għax ikunu grati lejn l-għasafar, li ġabu tant verjetà ta' ħajja!

**Gawwija Denbha Maqrus** - *Creagrus furcatus* - Swallow-tailed gull
**Gawwija tal-Lava** - *Larus fuliginosus* - Lava (jew Dusky) gull
**Kanġu ta' Filfla** - *Hydrobates pelagicus* - Storm petrel
**Kanġu tal-Galàpagos** - *Oceanodroma tethys* - Galàpagos storm-petrel

**David Aloisio**

Nota mill-Editur
Dan kien l-aħħar artiklu fis-sensiela Baħħara tal-Galàpagos. Nirringrazzjaw lil ħabib tagħna David Aloisio tar-riċerka li għamel u prosit tal-ħafna tpinġijiet li bihom żewqilna l-artikli tiegħu. Mill-ħarġa li jmiss ħa nibdew sensiela dwar il-problemi ta' l-ambjent







BirdLife MALTA
● BirdLife Nature Shop
**Monday - Friday: 9am-12noon**




L-istand ta' BirdLife fil-Fiera ta' Jum l-Ambjent

# GRUPPI LOKALI

**Ħ'Attard**
Leaders: Isabella Borg, Grace Camilleri, Etienne Grech, Thelma Saliba, Agnes Scicluna (K), Silvio Scicluna (K).
**Naxxar/Għargħur**
Leaders: Anita Aloisio, Jason Aloisio (K), Fleur Casha, Mark Falzon (K), Justin Vassallo.
**Rabat/Ħad-Dingli**
Leaders: Audrey Chetcuti (K), Norman Chetcuti (K), Alice Micallef, Angèle Pulis, Chris Pulis, Mark Sultana, Sharon Sultana, Ingrid Vassallo.
**Ħaż-Żebbuġ/Siġġiewi**
Leaders: Marthese Attard (K), Ian Balzan, Charles Coleiro, Doreen Coleiro.

(K=Ko-ordinatur)



## K A M P

**Fit-tmiem il-ġimgħa 19-20-21 ta' Settembru se jsir Kamp ġewwa Villa Psaigon, ħdejn Ħad-Dingli, għall-membri 14+ ta' Klabb Ħuttaf. Dan se jkun dwar it-tajr tal-priża. Jekk jinteressakom, ċemplu lil Justin Vassallo (tel 573744) għal aktar dettalji.**

# Daħħal membri fi Klabb Ħuttaf

## ... u għalik SETT KARTOLINI TAL-ĠENN

Ħajjar lil sħabek jidħlu fi Klabb Ħuttaf, imlilhom id-dettalji hawn taħt, żid tiegħek ukoll, u ibagħtilna kopja/i tal-formola (tqasqasx il-magażin) flimkien ma' **Lm1.50** miżata għal kull membru li ddaħħal. Kif jaslulna nibagħtulek il-KARTOLINI.

- **Jekk iddaħħal membru WIEĦED tieħu ŻEWĠ kartolini.**
- **Jekk iddaħħal ŻEWĠ membri tieħu ERBA' kartolini.**
- **Jekk iddaħħal TLIET membri tieħu s-sett sħiħ ta' SEBA' kartolini.**

**MEMBRU GDID 1**
Isem
Indirizz

PostCode
Tel Data tat-Twelid

**MEMBRU GDID 2**
Isem
Indirizz

PostCode
Tel Data tat-Twelid



Waħda mill-kartolini - **Ħuta fil-qalba t'artikla**

**MEMBRU GDID 3**
Isem
Indirizz

PostCode
Tel Data tat-Twelid

**Dettalji TIEGĦEK STESS**
Ismek
Indirizz

Tel

Ibgħat kollox lil **Klabb Ħuttaf BirdLife Malta POBox498 Valletta CMR01**. Tibgħatx flus bil-posta - l-aħjar ċekk, Postal Order jew bolli tas-6ċ.

## X'rat il-Kamera!








Desirée Falzon

**Il-mostru fuq ix-xellug hija gaffa. Il-pjanta fuq il-lemin hija balluta! Tgħid min se jirbaħ?** (Jumejn wara li ttieħed dar-ritratt, il-balluta saret memorja!)

## BOLLI GĦALL-BALLUT

Minħabba li r-riserva ta' l-Għadira tkun magħluqa għall-publiku fis-sajf, ma sarx bejgħ ta' bolli f'dawn l-aħħar ġimgħat. Aħna nirringrazzjaw lill-Ħuttaf u lill-ħbieb tal-Klabb ta' kemm ipparteċipajtu. Il-bejgħ tal-bolli jkompli f'Ottubru.

**Sadattant ibqgħu faddlu u ibqgħu ibagħtulna! Ftakru li ċ-ċifra ta' Lm50 għadna ma lħaqnihiex. Tgħid sa l-aħħar tas-sena jirnexxielna?**

## magħluqin

L-uffiċċju tagħna se jkun magħluq bejn l-14 u l-25 ta' Awwissu, minħabba li BirdLife se tkun qed tieħu sehem fil-BirdFair ġewwa England. Għalhekk f'dawk id-dati iċċemplux l-uffiċċju.

**grazzi**

## X'rat ukoll il-Kamera!







Agnes Sciciuna

**Ħuttaf tal-Grupp Lokali Ħ'Attard iħawlu l-ballut fin-nursery tas-Simar. Tgħid jikbru?** (Xahar wara li ttieħed dar-ritratt, il-ballut qed jikber!)

Grazzi lill-Ħuttaf li qed jieħdu sehem fil-kampanja ALIVE biex niġbru flus għar-riserva tas-Simar - hemm min anke ħa fotokopji tal-karta biex ikun jista' jiġbor iktar. Infakkru li hemm flokk speċjali bil-kulur għal dawk li jiġbrulna Lm2.50.

ALIVE

fund for bird protection in the maltese islands